



Brussell, 11 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5171/1/22
REV 1

LIMITE

EF 5
ECOFIN 25
ENV 17
SUSTDEV 5

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 22/2021 tal-QEA "Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tiegħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 22/2021 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri,

kif imħejji mill-Kumitat tas-Servizzi Finanzjarji u maqbul mill-Kumitat

Ekonomiku u Finanzjarju fl-10 ta' Jannar 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 22/2021 tal-QEA

"Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li tittieħed azzjoni tal-UE aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) 22/2021 "Finanzi sostenibbli: Jeħtieġ li l-UE tiegħu azzjoni aktar konsistenti biex il-finanzjament jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli"¹;
2. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2021², fejn il-Kunsill Ewropew "jappella għal rispons globali ambizzjuż għat-tibdil fil-klima", "ifakkAR fl-impenn mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ikomplu jżidu l-finanzjament tagħhom għall-klima" u "jappella għal qafas globali tal-bijodiversità ambizzjuż għal wara l-2020 sabiex jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità";
3. IFAKKAR fl-aħħar konklużjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament għall-klima³ u, b'mod partikolari, l-enfasi tiegħu fuq l-implimentazzjoni urġenti u ambizzjuża tal-Ftehim ta' Pariġi u l-importanza li jsir progress rapidu u ambizzjuż lejn l-ilħuq tal-għanijiet fit-tul ta' dak il-Ftehim;

¹ Dok. 12110/21

² Dok. EUCO 17/21

³ Dok. 12203/21

4. ITENNI li dan jinkludi li l-flussi finanzjarji – pubbliċi u privati, domestiċi u internazzjonali – isiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġu appoġġati kemm l-oġġettivi ta' mitigazzjoni kif ukoll dawk ta' adattament u bil-ħsieb li jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mhux l-inqas permezz ta' miżuri mmirati lejn l-approfondiment tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU);
5. JENFASIZZA li l-finanzi sostenibbli u s-CMU huma inizjattivi ta' appoġġ reċiproku; JIRRIKONOXXI li l-progress fl-approfondiment tas-CMU huwa essenzjali biex jikkontribwixxi b'mod attiv għall-iżvilupp ta' finanzzi sostenibbli, sabiex dawn ikunu jistgħu jilħqu l-potenzjal u l-impatt massimu tagħhom, u jkunu ta' benefiċċju għall-attività ġenerali tas-suq kapitali Ewropew;
6. JAFFERMA MILL-ĠDID ukoll il-ħtieġa li tissaħħaħ b'mod sinifikanti l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat biex ikun possibbli li titwettaq l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u jintlaħqu s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, li titwettaq l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, bħala parti integrali tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll li jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi u jiġi eżerċitat ir-rwol importanti ta' ingranaġġ li jista' jkollha l-politika pubblika, inkluż il-finanzi pubbliċi, u l-pjanijiet direzzjonali settorjali f'dak ir-rigward;
7. JENFASIZZA wkoll, fl-istess spirtu u bl-ambizzjoni usa' li jitrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-importanza li jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-2018 u li jinkisbu aktar riżultati b'rabta ma' din l-ambizzjoni, b'mod partikolari billi tiġi riflessa l-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, ippreżentata mill-Kummissjoni f'Lulju 2021⁴, inkluż fir-rigward tat-twettiq tal-oġġettivi tagħha, mhux l-inqas dawk ta' tranżizzjoni ġusta u inklużività; IFAKKAR, f'dan ir-rigward, fl-importanza li jissaħħaħ l-aċċess għal finanzjament sostenibbli u ekoloġiku għall-SMEs u l-imprendituri;

⁴ Kif adottata mill-Kummissjoni Ewropea fis-6 ta' Lulju 2021 (Strateġija għall-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli | Kummissjoni Ewropea (europa.eu)).

8. JENFASIZZA l-importanza li jittejbu l-konsistenza, is-semplività u t-trasparenza tal-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar il-finanzi sostenibbli; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-konsistenza u l-kompetittività internazzjonali u twettaq rieżami komprensiv tal-effikaċja u l-konsistenza ta' dak il-qafas leġiżlattiv f'konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti;
9. IQIS li l-Istrateġija hija waħda mid-diversi għodod tal-politika pubblika inkorporati fil-qafas usa' tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, flimkien ma' strumenti baġitarji u miżuri fiskali nazzjonali u fil-livell tal-UE, pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u pprezzar adegwat tal-karbonju kemm fl-UE kif ukoll globalment;
10. JISĦAQ li l-qafas ta' politika dwar il-finanzi sostenibbli huwa mfassal biex jaħdem flimkien ma' oqfsa ta' politika oħra bħall-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-finanzjament pubbliku, u li l-finanzi sostenibbli huma parti inerenti tal-politika dwar is-servizzi finanzjarji; ITENNI li billi l-iskala ta' investiment meħtieġa għal tranżizzjoni sostenibbli hija ferm lil hinn mill-kapaċità tas-settur pubbliku, objettiv ewlieni tal-qafas tal-finanzi sostenibbli huwa li l-flussi finanzjarji privati jiġu diretti lejn attivitajiet ekonomiċi rilevanti;
11. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, JINNOTA li r-Rapport Speċjali tal-QEA għandu l-għan li jivvaluta jekk il-Kummissjoni kinitx qed tiegħu l-azzjoni t-tajba biex il-finanzjament privat u pubbliku jiġi dirett mill-ġdid lejn investiment sostenibbli. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Kummissjoni ffokat l-azzjonijiet tagħha fuq iż-żieda tat-trasparenza fis-suq, ir-Rapport Speċjali jikkonkludi li hija meħtieġa azzjoni aktar konsistenti tal-UE biex jintlaħaq l-għan imsemmi hawn fuq, u jistabbilixxi s-sitt rakkomandazzjonijiet ikkunsidrati hawn taħt;

12. Fir-rigward tat-tlestija tal-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2018 u l-kjarifika tal-konformità u l-arranġamenti tal-awditjar, JINNOTA s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Rapport Speċjali, jiġifieri li l-Kummissjoni:
- Tlesti l-elementi pendenti, b'mod partikolari għat-Tassonomija tal-UE, u tiegħu azzjoni ta' segwitu dwar il-governanza korporattiva;
 - Tikkjarifika l-arranġamenti għall-verifika tal-allinjament tal-investimenti sottostanti tal-prodotti finanzjarji mat-Tassonomija;
 - Tikkjarifika r-rwol tal-awdituri u s-superviżuri f'verifiki relatati;
13. JIRRIKONOXXI li t-Tassonomija tal-UE hija maħsuba biex tissodisfa funzjoni ċentrali u kruċjali fl-arkitettura tal-finanzi sostenibbli tal-UE u biex tinfexx ir-rwol ta' tmexxija globali tal-UE fil-promozzjoni tal-klima u l-finanzi sostenibbli;
14. JINNOTA wkoll li l-istadju attwali tal-implimentazzjoni tat-Tassonomija tal-UE, kif implimentata permezz tal-Att Delegat dwar it-Tassonomija tal-UE fir-rigward tal-Klima, adottat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Ġunju 2021⁵, għandu l-għan li jappoġġa l-identifikazzjoni ta' attivitajiet ambjentalment sostenibbli u jiffaċilita l-investimenti ftali attivitajiet, inkluż attivitajiet ta' tranżizzjoni u ta' abilitazzjoni, li jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għall-għanijiet kwantitattivi fil-Ftehim ta' Pariġi u l-verifika ta' tali allinjament; JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tikkunsidra għażliet li jippermettu li l-isforzi ta' tranżizzjoni jiġu rikonoxxuti b'mod ġust u inklużiv, kif ukoll tkompli l-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-inklużjoni ta' oġġettivi oħra ta' sostenibbiltà, kif previst fil-klawżola ta' rieżami tar-Regolament dwar it-Tassonomija;

⁵ Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi ta' skrinjar sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li fihom attività ekonomika tikkwalifika bħala attività li tikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u sabiex jiġi ddeterminat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-oġġettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final - jidħol fis-seħħ biss meta jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali)

15. JINNOTA inizjattiva possibbli mill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-diliġenza dovuta rigward l-ambjent u JENFASIZZA li l-ħtieġa u l-adeqwatezza ta' regolamentazzjoni ulterjuri tal-governanza korporattiva għandhom jintwerew permezz ta' fondazzjonijiet u valutazzjonijiet tal-impatt ibbażati fuq evidenza, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lill-kuntesti legali u ekonomiċi differenti fl-Istati Membri kollha;
16. JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni biex tikkjarifika aktar mal-Istati Membri l-arranġamenti li skonthom l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jissorveljaw id-divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà tal-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, kif meħtieġ, bl-għan li tinkiseb konverġenza superviżorja permezz ta' applikazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE; u JĦEĠĠEĠ il-progress lejn l-approvazzjoni leġiżlattiva tal-arranġamenti proposti għall-awditjar tar-rappurtar korporattiv dwar is-sostenibbiltà;
17. Fir-rigward ta' kontribut aħjar għal finanza sostenibbli permezz tal-ipprezzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, JINNOTA s-sejbiet u r-rakkomandazzjoni relatati stabbiliti fir-Rapport Speċjali, jiġifieri li l-Kummissjoni tidentifika miżuri addizzjonali li għandhom l-għan li jiżguraw li l-ipprezzar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jirrifletti aħjar l-ispiża ambjentali tagħhom;
18. JIRRIKONOXXI li r-Rapport Speċjali jikkonkludi li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni mmirati biex il-finanzjament privat jiġi dirett mill-ġdid lejn investimenti sostenibbli mhux ser ikunu effettivi jekk l-effetti sekondarji ambjentali u soċjali negattivi ma jiġux internalizzati fl-attivitajiet ekonomiċi;
19. IQIS li l-politika tas-suq finanzjarju jeħtieġ li tikkomplementa l-firxa wiesgħa tal-istrumenti ta' politika tat-tranżizzjoni klimatika u dik ekoloġika, inkluż f'termini ta', fost l-oħrajn, ir-riskji tal-ipprezzar, l-ispejjeż ta' attivitajiet mhux sostenibbli u l-profil tar-riskju u r-redditu tal-investimenti sostenibbli, u li għalhekk huwa meħtieġ aktar progress kemm fir-rigward tal-miżuri ta' politika finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji;

20. Għaldaqstant JINNOTA l-ħidma tal-Kummissjoni biex tirrevedi s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u r-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, filwaqt li jenfasizza l-importanza li tinżamm perspettiva olistika tal-istrumenti kollha proposti u dawk eżistenti li jistgħu jintużaw biex jinkisbu dawn l-għanijiet, inkluż il-Mekkaniżmu propost ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri, ir-rabta ma' strumenti addizzjonali kif deskritt fil-Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-ħtieġa li jiġi mmonitorjat l-impatt ikkombinat tagħhom, inkluż fil-livell tal-Istati Membri individwali;
21. Fir-rigward tar-rappurtar dwar ir-riżultati relatati mal-klima u l-ambjent ta' InvestEU, JINNOTA s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati stabbiliti fir-Rapport Speċjali, jiġifieri li l-Kummissjoni:
- Tiddivulga l-volum ta' finanzjament ta' InvestEU li huwa soġġett għal segwitu skont il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE;
 - Tirrapporta dwar ir-riżultati relatati mal-klima tal-operazzjonijiet ta' finanzjament rilevanti li huma lesti;
22. JINNOTA li t-Tassonomija tista' ma tkunx l-unika għodda għall-monitoraġġ tal-isforzi ta' tranżizzjoni u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex taħdem lejn sistema ta' rappurtar ta' InvestEU rigward ir-rappurtar dwar il-klima u s-sostenibbiltà f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-QEA u f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha mill-użu tal-fondi InvestEU, b'mod partikolari l-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-banek nazzjonali tal-iżvilupp/dawk promozzjonali;
23. Fir-rigward tal-ġenerazzjoni ta' sensiela ta' proġetti sostenibbli, JINNOTA s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati stabbiliti fir-Rapport Speċjali, jiġifieri li l-Kummissjoni:
- Tipprijoritizza l-appoġġ konsultattiv għall-oqsma u s-setturi bi ħtiġijiet għolja ta' investment sostenibbli iżda b'kapaċità baxxa li jiġġeneraw il-proġetti meħtieġa;
 - B'rabta mal-aġġornament tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima, tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-kompletezza u l-konsistenza tal-informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' investment;

24. IQIS li huwa kruċjali, inkluż fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew imsemmija hawn fuq, li jsiru l-isforzi kollha biex jiġu identifikati u ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet ta' investimenti meħtieġa fl-UE kollha; għaldaqstant, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem mal-Istati Membri, anke fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza, kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha inkluż fir-rigward tal-użu tal-fondi InvestEU; f'dan ir-rigward, JAPPELLA biex jiġi konkluż b'mod rapidu l-ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Grupp tal-BEI, bħala s-sieħeb prinċipali tagħha inkarigat mill-implimentazzjoni, dwar it-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-fond InvestEU;
25. Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-kriterji tat-Tassonomija tal-UE b'mod konsistenti fil-baġit kollu tal-UE, JINNOTA s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati stabbiliti fir-Rapport Speċjali, jiġifieri li l-Kummissjoni:
- tapplika l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fil-baġit kollu tal-UE;
 - tinkludi fil-proposta għal Regolament Finanzjarju rivedut il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti";
 - tintegra bis-sħiħ il-kriterji tat-Tassonomija tal-UE fil-metodoloġija tal-UE għat-traċċar tal-azzjoni klimatika hekk kif u meta jsiru disponibbli;
 - tikkomplementa r-rappurtar attwali dwar il-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-azzjoni klimatika billi tiddivulga n-nefqa tal-UE relatata mal-klima li hija relatata mal-applikazzjoni ta' koeffiċjent ta' 100 %, abbażi tal-kriterji tat-Tassonomija tal-UE;
26. JENFASIZZA li, biex il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jiġi applikat fil-baġit kollu tal-UE, l-ewwel huwa meħtieġ li jiġi żviluppat approċċ koerenti u armonizzat kif xieraq għal dak il-għan, u li, fost l-oħrajn, għandha l-ewwel tiġi stabbilita metodoloġija effettiva għan-nefqa relatata mal-klima u l-bijodiversità; JINNOTA li approċċ bħal dan għandu b'dan il-mod jiżgura r-rispett għall-prinċipju mingħajr ma jżid b'mod sinifikanti l-ispejjeż amministrattivi; JENFASIZZA li qabel ma dan il-prinċipju jkun jista' jiġi implimentat fil-politika baġitarja tal-UE, huwa meħtieġ li l-impatt potenzjali tiegħu jiġi kkunsidrat u evalwat bir-reqqa;

27. JINNOTA li l-istrumenti u l-programmi baġitarji rilevanti tal-UE fis-seħħ tnedew fin-nuqqas ta' Tassonomija stabbilita tal-UE;
28. Madankollu, JINNOTA li l-applikazzjoni kontinwa ta' koeffiċjenti jew standards oħra ta' traċċar tal-impatt li mhumiex konformi mat-Tassonomija tal-UE, tista' twassal għal perċezzjoni ta' standards doppji fil-każ ta' kofinanzjament pubbliku u privat;
29. JENFASIZZA li t-Tassonomija tal-UE hija mfassla biex tintuża mill-parteciċipanti fis-swieq finanzjarji jew mill-emittenti fuq bażi volontarja, mingħajr preġudizzju għall-korporazzjonijiet koperti mid-Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju, biex ittejjeb it-trasparenza u r-rappurtar, u b'hekk ittejjeb il-funzjonament tas-Suq Uniku;
30. Madankollu, JIRRIKONOXXI li għad hemm lok għal titjib ulterjuri, fejn rilevanti u sa fejn possibbli, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa każ b'każ, applikazzjoni konsistenti tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara" skont il-Patt Ekoloġiku tal-UE u tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" li jirfed it-Tassonomija tal-UE, bl-għan li jintlaħqu l-ogħla livelli ta' sostenibbiltà ambjentali u, kif rilevanti, ta' sostenibbiltà soċjali filwaqt li jittieħed kont tal-pożizzjonijiet inizjali differenti tal-Istati Membri u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-investment pubbliku, inkluż fejn possibbli permezz tal-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza;

31. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex teżamina l-fattibbiltà tat-tishiĥ progressiv tal-allinjament tal-indikaturi rilevanti mat-Tassonomija tal-UE, b'kont debitu meħud tal-ispeċifitàjiet u l-kompleksitàjiet ta' dawk l-istrumenti u l-programmi, kif ukoll tat-titjib tal-metodoloġija u r-rappurtar fir-rigward tal-impatt klimatiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament;
32. JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni biex taġġorna fi żmien debitu l-Komunikazzjoni tagħha dwar il-qafas ta' prestazzjoni għall-baġit tal-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027⁶;
33. Fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rappurtar tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli u l-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, JINNOTA s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet relatati stabbiliti fir-Rapport Speċjali, jiġifieri li l-Kummissjoni:
- toħloq indikaturi komuni tal-prestazzjoni;
 - tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni u l-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli;
34. JILQA' dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-QEA u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tagħti segwitu kif meħtieġ;
35. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' InvestEU, tmexxi 'l quddiem il-valutazzjoni ulterjuri u l-implimentazzjoni possibbli tar-rakkomandazzjonijiet tal-QEA msemmija hawn fuq u l-kunsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill, u biex tirrapporta regolarment dwar il-progress lill-Kunsill, mill-ewwel kwart tal-2022.

⁶ Dok. 9665/21